REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1156/2014

tad-29 ta' Ottubru 2014

li jikkoreġi l-verżjoni Slovena tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1135/2009 li jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' ċerti prodotti li joriġinaw jew li jiġu kkunsinnati miċ-Ċina, u li jirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/798/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjoni tal-lingwa Slovena tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1135/2009 ([2]) fiha żball ripetut, jiġifieri, it-terminu "l-operaturi tan-negozju tal-għalf u l-ikel" huwa żbaljat. Għaldaqstant hemm bżonn ta' korrezzjoni fil-verżjoni tal-lingwa Slovena. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1135/2009 għandu għalhekk jiġi kkoreġut kif xieraq.

(3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Jikkonċerna biss il-verżjoni tal-lingwa Slovena.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1135/2009 tal-25 ta' Novembru 2009 li jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' ċerti prodotti li joriġinaw jew li jiġu kkunsinnati miċ-Ċina, u li jirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/798/KE (ĠU L 311, 26.11.2009, p. 3).